MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1248/2003

**Quentin Tanti**

**vs**

**Charles u Maria Stella Zammit, Ruben Zammit, Joseph Zammit, Marco Zammit, u b'digriet tat-23 ta' Jannar, 2004, giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens illi minflok "Maria Stella" jitnizzel l-isem "Lynda"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf u mitejn u tlieta u sebghin lira Maltija u sittin centezmu (Lm1273.60) rappresentanti rifuzjoni ta' elf lira Maltin (Lm1000) depozitu mhallsa akkont ta' prezz skond konvenju datat 10 ta' Ottubru, 2001 relattivament ghall-bejgh ta' 42 Tigne` Sea Front, Sliema li skada inutilment, oltre mitejn u tlieta u sebghin lira Maltija u sittin centezmu**

**(Lm273.60) spejjez inkorsi mill-attur skond prospett anness mal-avviz;**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Gunju, 2002 u l-interessi.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti Ruben Zammit u Joseph Zammit, prezentata fis-7 t'Awwissu, 2003 fejn intqal illi:**
**It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, fil-konfront tal-konvenuti Ruben Zammit u Joseph Zammit stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti :**
**i. Preliminarjament il-konvenuti jeccepixxu li l-konvenuta Maria Stella Zammit ilha mejta kwazi tletin sena ;**
**ii. Illi l-konvenuti Ruben Zammit u Joseph Zammit qatt ma rcevew l-ebda flejjes minghand l-attur, hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Ghalhekk ir-rifuzjoni ghandha tintalab lil min thallas ;**
**iii. Illi l-konvenuti Ruben Zammit u Joseph Zammit kienu dejjem lesti li jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt u ghalhekk huma m'ghandhomx jinzammu responsabbli ghall-ispejjez li saru mill-attur ;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.**
**Ra r-risposta prezentata minn Lynda Zammit fl-10 ta' Marzu, 2004 fejn intqal :**
**i. Illi in linea preliminari l-konvenuta Lynda Zammit mhix proprjetarja tal-fond in kwistjoni u cioe` dak bin-numru 42 Tigne` SeaFront, Sliema u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ;**
**ii. Illi inoltre l-konvenuta Lynda Zammit ma dehritx fuq il-konvenju imsemmi mill-attur u cioe` dak tal-10 ta' Ottubru, 2001, ma dahlet fl-ebda obbligazzjonijiet versu l-attur u ma irceviet l-ebda flus minghand l-attur ;**
**iii. Illi inoltre hija ma hix responsabbli ghal kwalunkwe talba ghal rifuzjoni ta' ammonti allegatament mghoddija lil terzi jew ghal hlas ta' danni u dan la hija personalment u lanqas il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u zewgha Charles Zammit ;**
**iv. Illi minghajr pregudizzju ghal dan, it-talbiet ta' l-attur huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ;**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ingunzjoni tal-attur ghas-subizzjoni u bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta prezentata minn Charles Zammit fl-10 ta' Marzu, 2004 fejn intqal :**
**i. Illi t-talbiet maghmula mill-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ;**
**ii. Illi fir-rigward tat-talba ta' l-attur dwar ir-rifuzjoni ta' flus imhallsa fuq konvenju din it-talba hija nfondata billi l-konvenut Charles Zammit dejjem kien u ghadu lest li jersaq ghat-trasferiment tal-proprjeta` tieghu fuq il-fond 42 Tigne SeaFront, Sliema ;**
**iii. Illi inoltre skond l-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili l-istess attur naqas milli jsejjah lill-konvenut sabiex jersaq fuq il-kuntratt fiz-zmien stipulat mill-Ligi ;**
**iv. Illi fir-rigward tat-talba ta' l-attur dwar il-hlas ta' danni kif likwidat minnu dan l-ammont irid jigi ppruvat ;**
**v. Illi inoltre l-konvenut Charles Zammit ma huwiex responsabbli ghal hlas ta' dawn id-danni billi dawn ma gewx inkorsi bi htija tieghu billi huwa lest li jersaq fuq il-kuntratt ta' trasferiment ;**
**vi. Illi inoltre dawk id-danni elenkati mill-attur ma jirriflettux hlasijiet necessarji fir-rigward tal-konvenju in kwistjoni ;**
**vii. Illi minghajr pregudizzju ghal dan, il-konvenut Charles Zammit ma kienx l-uniku bejjiegh fuq l-istess konvenju u kwalunkwe danni jekk jigu pruvati huma dovuta f'ishma ugwali mill-bejjiegha kollha ;**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ingunzjoni tal-attur ghas-subizzjoni u bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Quentin Tanti, Joseph Zammit u Ruben Zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Dan il-kaz qed isir mill-attur ghar-rifuzjoni ta' depozitu minnu mhallas fuq konvenju datat 10 ta' Ottubru, 2001 rigwardanti bejgh tal-fond 42 Tigne**

**Seafront Sliema. Apparti d-depozitu l-attur qed jitlob ukoll l-ispejjez inkorsi minnu ghall-konvenju.**

**2. Jibda biex jinghad illi Lynda Zammit mart il-konvenut Charles Zammit fil-fatt ma hijiex il-proprjetarja tal-fond in kwistjoni u bhala tali lanqas ma giet imnizzla fil-konvenju Dok QT 1. Fil-fatt Charles Zammit kien mizzewweg ma' Maria Stella Zammit li mietet xi tlett snin ilu u sussegwentement hu zzewweg lil Lynda Zammit. Il-proprjeta' in kwistjoni ma hijiex tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn Charles u Lynda Zammit u konsegwentement Lynda Zammit ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.**

**3. Jirrizulta illi l-attur kien ta hames mitt lira (Lm500.00) lil Sarah Grech illi sussegwentement ghaddiethom lill-konvenut Marco Zammit. Jirrizulta wkoll illi l-konvenju sar ghand in-Nutar Roberta Bisazza u dak inhar tal-konvenju hu ma hallasx depozitu iehor izda l-ghada ghadda ghand l-istess nutar u hallielha hames mitt lira (Lm500.00) ohra. Dawn il-hames mitt lira (Lm500.00) ngabru minn Lynda Zammit ghan-nom ta' Charles Zammit.**

**4. Kien sar tigdid tal-konvenju fil-11 ta' Frar, 2002 u dana wkoll in vista tal-fatt illi l-proprjeta' ma kienetx ta' Charles Zammit biss, izda ta' wliedu wkoll. Sussegwentement fl-4 ta' Mejju, 2002 il-konvenju rega' gie mgedded sa l-4 ta' Gunju, 2002 meta ntbaghtet ittra ufficjali sabiex il-konvenuti jersqu ghal kuntratt. Fil-fatt il-konvenut Marco Zammit baqa' ma deherx ghal kuntratt u ghalhekk dan ma sarx.**

**5. Joseph Zammit jikkonferma illi Marco Zammit kien ha hames mitt lira (Lm500.00). Filwaqt illi Ruben Zammit ighid li l-elf lira (Lm1,000) kienu marru ghand Charles Zammit pero' dana jafu skond ma qallu huh Joseph Zammit. It-Tribunal ihoss illi fil-fatt dawn il-flus marru kollha ghand Charles Zammit.**

**6. Fil-fatt lir-ricevuta a fol 44 tal-process datata 12 ta' Ottubru, 2001 tindika bic-car illi Lynda Zammit kienet qed tircievi l-flus ghan-nom ta' Charles Zammit.**

**7. Ghalhekk jidher mill-provi mismugha illi definittivament Joseph u Ruben Zammit ma zammew xejn mill-flus f'idejhom, izda jirrizulta illi l-flus kienu**

**spiccaw kollha f'idejn Charles Zammit. Ghalhekk fic-cirkostanzi huma Charles Zammit biss li ghandu jirrifondi l-elf lira (Lm1,000) lill-attur.**

**8. Dwar id-danni li sehhew minhabba li ma sarx il-kuntratt dawna jirrizultaw mill-prospett a fol 2 esebit u konfermat bil-gurament mill-attur, kif ukoll mill-fol 51 sa 64 tal-process.**

**9. Finalment ghandu jinghad illi jirrizulta wkoll li l-kuntratt finali ma sehhx peress illi Marco Zammit naqas milli jmur jiffirma u ghalhekk ghad-danni konsegwenzjali talli ma sehhx il-kuntratt ghandu jirrispondi unikament Marco Zammit.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jillibera lil Lynda Zammit mill-osservanza tal-gudizzju, jiddikjara illi ma hemm ebda prova li Ruben Zammit, Joseph Zammit u Marco Zammit zammew xi parti mid-depositu msemmi u konsegwentement qed jilqa' t-talba attrici limitatament ghar-rifuzzjoni ta' l-elf lira (Lm1,000) depozitu fil-konfront ta' Charles Zammit u jikkundanna lill-istess Charles Zammit jirrifondi lill-attur l-imsemmija elf lira (Lm1,000). Bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Gunju, 2002. It-Tribunal qed jilqa' t-talba ghal spejjez inkorsi mill-attur dwar l-imsemmi konvenju liema spejjez ghandu jbaghtihom unikament Marco Zammit u konsegwentement jikkundanna lill-istess Marco Zammit ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn tlieta u sebghin lira u sittin centezmu (Lm273.60). Bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Gunju, 2002.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-attur ghandu jhallas l-ispejjez ta' Lynda Zammit; filwaqt l-ispejjez ta' l-attur u tal-konvenuti Reuben Zammit u Joseph ghandhom jigu sopportati fi kwoti wgwali bejn il-konvenuti Charles Zammit u Marco Zammit.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------